# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-21 ta' Jannar 2020**

Appell numru 157 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Claudette VELLA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-21 ta' Mejju, 2019 fil-konfront ta' Claudette VELLA, karta tal-identità bin-numru 432365M ġiet mixlija talli nhar it- 13 ta' Frar 2019, u/jew fil-jiem/ġimgħat ta' qabel ġewwa San Pawl il-Baħar u/jew f'dan il-ġżejjer:

    Bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandha ġiegħelt bl-awtorita' tagħha nnifisha lil Philip Grech iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixklet lill-istess Philip Grech fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħattet bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħlet fi ħwejjġu.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti, stqarret is-segwenti:

Rat l-affidavit ta' PC 1117 u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-kwerelant Philip Grech u lill-imputata;

Semgħet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata tinsab akkuzata bir-reat ta' *ragion fattasi* u cioè illi qalgħat parti minn *railing* tal-ħadid proprjetà tal-kwerelant.

Skont l-imputata hija qalgħat dan ir-*railing* stante li wara li talbet lill-kwerelant jagħmel dan huwa naqas li jaqilgħu. Hija stqarret illi dan ir-*railing* kien ta' perikolu għall-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu għandha u wkoll għaliex kien qiegħed jagħmel ħsara strutturali fil-bini. Jirriżulta illi wara li qalgħat l-imsemmi *railing,* il-kwerelant għamel żewġ ħadidiet temporanji minflok ir-*railing* għaliex meta staqsiha fejn kienet għamlitu hija nfurmatu li kienet remietu fil-baħar. Madankollu hija reġgħet qalgħat dan il-ħadid temporanju, għal darba darbtejn u nstallat grada li tinfetaħ biss min-naħa tagħha. Fuq il-pedana tax-xhieda hija stqarret illi r-*railing* oriġinali kien għandha u mhux kif kienet qalet lill-kwerelant li kienet ramietu fil-baħar.

Kif sewwa osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija -vs- Antonio Cremona**" deciza fit-22 ta' April, 1961, *"id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' ragion fattasi hija intiza biex il-privat, li jippretendi xi drittijiet, ma jissostitwix l-azzjoni tiegħu għal dik tat-tribunali, meta jista' jirrikorri lejhom".*

Kif gie imfisser diversi drabi minn dawn il-Qrati (ara, per ezempju, is-sentenza tas-17 ta' Frar, 1995 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Carmel magħruf bhala Charles Farrugia*** – App. nru. 267/94), erbgħa huma l-elementi kostituttivi tar-reat ta' *ragion fattasi* skont l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali: (1) att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun eżegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew preżunta, ta' dan il-ħadd iehor, (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt, (3) il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

> Din il-Qorti hi tqis illi l-każ odjern huwa każ klassiku tar-reat in diżamina, u għalhekk hi sodisfatta, minn dak li ntqal aktar 'il fuq, li l-erba' elementi essenzjali jirrizultaw sodisfacentement ippruvati. Jekk l-imputata hija tal-fehma li għandha xi drittijiet civili li qegħdin jigu leżi, hija għandha tfittex rimedji ċivili u mhux tieħu l-ligi b'idejha.

Kien għal dawn il-motivi li wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputata Claudette VELLA ħatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u kkundannatha għall-ħlas ta' multa ta' mitejn ewro (€200).

Peress li l-imputata xehdet bil-ġurament illi r-*railing* li hija qalgħet kien għadu fil-pussess tagħha, il-Qorti ordnatilha li terġa' twaħħlu fejn u kif kien u tneħħi l-grada magħmula minnha kif murija f'ritratt Dokument PG4 u dan kollu fi zmien xahar (1) mid-data tas-sentenza taħt penali ta' għoxrin ewro (€20) kuljum għal kull ġurnata ta' ritard.

3. Illi minn din is-sentenza Claudette VELLA interponiet appell permezz ta' rikors datat 3 ta' Ġunju, 2019, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tilqa' dan l-appell billi TĦASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata, TIDDIKJARA li hija nulla, u b'hekk TORDNA illi l-atti kollha għandhom jergħu jiġu rimessi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għas-smiegħ mill-ġdid tagħhom, u dan sabiex l-appellanta ma tiġix imċaħħda mill-benefiċċju tad-doppio esame; fin-nuqqas li tilqa dan l-aggravju,l-appellanta titlob lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha TĦASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fuq il-bażi tal-aggravji l-oħra u dan billi filwaqt li TIDDIKJARA lil appellanbta mhux ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha, tilliberaha minn kull piena w imputazzjoni skond il-Liġi jew, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax fis-sens hawn mitlub, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti ta' billi minflok tiġi mposta piena aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

***Ikkunsidrat:-***

4. Illi nhar is-17 ta' Frar 2019, Philip Grech irraporta fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra fejn saħaq li l-appellanta kienet neħħiet żewġ biċċiet tal-ħadid formanti parti minn *railing* tal-parapett tiegħu u flokhom Grech kien poġġa biċċtejn oħra differenti. Dan ir-railing kien jifred il-propjeta tiegħu minn ma dik tal-appellanta. Dawn kienu reġgħu tneħħew mill-istess appellanta fejn minflok għamlet grada skond kif kien jogħġob lilha. Grech induna wkoll illi anki l-*pipes* li jipprovdu l-ilma għall-fond tiegħu kienu maqtugħin u kienu filfatt qegħdin jagħmlu l-ilma.

5. Meta l-appellanta ġiet mitkellma, hi saħqet illi kienet qed tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni u kkonfermat li kienet hi li neħħiet biċċa ħadida li tissepara l-parapett komuni u diviżorju sakemm jitlestew ix-xogħlijiet u li hi kienet ser terġa tpoġġiha f'postha. Inoltre saħqet illi hemm kawża ċivili għaddejja fuq l-istess kwistjoni. Madankollu rriżulta li hi għamlet grada a pjaċiment tagħha bil-konsegwenza wkoll illi l-pajpijiet tal-ilma ta' Grech tqaċtu. In oltre dawn ix-xogħolijiet ħolqu periklu peress illi l-poġġaman ma kien qed iżomm ma mkien. Di piu' matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, Grech saħaq ukoll illi hu ma kienx ġie nfurmat mill-appellanta dwar l-intenzjoni tagħha fir-rigward tax-xogħolijiet li kien bi ħsiebha li tagħmel.

*Ikkunsidrat :-*

6. Illi fl-ewwel lok l-appellanta eċċepiet in-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati peress illi ordnat ir-ripristinu tar-*railing* maqlugħ minnha kif ukoll it-tneħħija tal-grada li l-appellanta waħħlet fi żmien xahar mis-sentenza u dan versu penali t'għoxrin euro (€20) kuljum għal kull ġurnata ta' ritard. L-appellanta sostniet li din il-grada li l-Qorti tal-Maġistrati ordnat li tinqala' kienet tappartjeni lill-appellanta stess, u magħmula fuq ħwejjiġha. Kwindi l-appellanta tisħaq illi meta l-Qorti tal-Maġistrati emanat din l-ordni hi aġġixxiet *ultra petita* u dan kien iwassal għan-nullita tas-sentenza.

7. Illi l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jittratta speċifikament x'għandu, *ad validatem*, ikun fiha sentenza u jiddisponi s-segwenti:

   > Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

8. Qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati de quo turi li din tissodisfa l-elementi kollha ravviżati minn dan l-artikolu. Il-lanjanza tal-appellanti mhix waħda miċ-ċirkostanzi li jwaslu għan-nullita' tas-sentenza. Għal massimu, jekk tali lanjanza tiġi milqugħa, din tista' ġġib varjazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

*Ikkunsidrat:-*

9. Illi fit-tieni lok, l-appellanta tisħaq illi hi qatt ma setgħet tinstab ħatja tar-reat ta' ragion fattasi peress illi fil-fehma tagħha l-elementi ta' dan ir-reat ma rriżultawx pruvati sal-grad rikjest mill-Liġi.

10. Ir-reat ta' ragion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jaqra kif ġej:

> Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...'

11. Is-sors legali li fuqu dan ir-reat huwa msejjes huwa l-Artikolu 168 tal-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan l-Artikolu fil-fatt kien jippreskrivi r-reat bħala ***vie di fatto*** u jsegwi[1] :-

> Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e' punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

12. Huwa ċar li l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan ifisser li għall-fini tal-interpretazzjoni ta' dan ir-reat, din il-Qorti tista' tagħmel riferenza għal ġurisprudenza mhux biss Maltija iżda anke dik li tolqot dan l-

[1] Napoli, Presso Angelo Trapani, 1819, fol 73 : *De' reati contra l'amministr. pubblica*, Sezione III, *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica' autorita'*.

artikolu fid-defunt Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet u Kodiċi esteri oħra li kienu konsoni ma' dan it-test tal-Liġi Borbonika.

13. Illi fil-kawża ***Il-Pulizija versus Eileen Said*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:-

> Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).

14. Minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett il-Qorti tara li l-Qrati Maltin ħadnu l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu **kemm** b'mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, **kif ukoll** interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa' tal-insenjament tal-Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi Penali tar-Renju tal-Italja (jew il-Kodiċi Sabaudo). Dan jirriżulta li seħħ minħabba li għalkemm f'dawn il-Liġijiet ma hemmx l-identiċita tal-lokuzzjoni tar-reat, baqgħet somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward tal-elementi prinċipali tar-reat de quo.

15. It-test tal-Kodiċi Sabaudo relattiv għar-reat ta' ***ragion fattasi*** jaqra:-

> 286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l'altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito :

1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;

2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;

3. Col carcere estensibile a tré mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi.

Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.

Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.

287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza verso le persone, il colpevole sarà punito con una multa non maggiore del doppio del danno recato.

16. Dan ir-reat isib postu taħt il-*Capo 3* li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-pubblika awtorita'. Il-Carrara jfisser dan ir-reat b'dan il-mod :

> La ragion fattasi (1) e' il delitto di chiunque – credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazione speciali di altri diritti.[2]

17. Din id-definizzjoni tirrifletti wkoll l-elementi tar-reat, li skont l-istess Carrara huma :

> 1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato

[2] ***Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale***, Volum 5, Lucca, 1868, paġna 486, paragrafu 2849.

braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.[3]

18.Għalkemm ir-reat fil-Kodiċi Sabaudo mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-*Regno delle Due Sicilie*, b'mod partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija tal-vjolenza kontra persuna, l-elementi l-oħra, dak formali *in primis* jibqa' l-istess. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni tkun eżegwita bil-mezz tal-vjolenza. Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Sabaudo kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi qodma bħal dik mogħtija mill-Imħallef William Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et*** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża ***Il-Pulizija vs Anthony Zahra***, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

19.Għalkemm din l-esposizzjoni tal-elementi tar-reat ta' ragion fattasi tirrispekja dak mistqarr mill-Carrara fuq il-Kodiċi Penali Taljan kif muri aktar il-fuq, il-Qrati Maltin abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni

[3] Ibid. Paġna 487, paragrafu 2850.

t'awturi oħra, b'mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq ir-reat ta' ragion fattasi li kien misjub taħt il-Kodiċi Borboniku. Il-Qrati Maltin komplew jelaboraw kif il-fatti speċifiċi fil-każ speċifiċi għandhom jiġu interpretati sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jkun jista' jiġi meqjus integrat.

20. B'hekk jirriżulta mill-ġurisprudenza li sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd - ikun xi jkun dak il-pussess – dment li jiġi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew forma tiegħu. F'Malta, anke detenzjoni ta' dar fuq mera tolleranza minn konjuġi u li ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi, ġiet ritenuta li tintegra r-reat ta' ragion fattasi u dan peress li kien hemm l-i*status quo* li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja.[4]

21. Dan peress li s-suġġett attiv ġie li *si e' fatto arbitariamente ragione* u mhux sempliċiment *si e' fatto ragione da se'*. Skont il-Cassazione Penale, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 *Mioli* ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jippunixxi *chi si fa ragione da se' ma chi*

[4] Ara ***Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas***, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 t'Ottubru 2001 fejn intqal li :

> Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

*si fa* **arbitrariamente** *ragione*[5] b'mod li jitturba l-*istatus quo* prevalenti fil-mument meta jsir l-att kriminali.

22. Skont il-**Carmignani**, li jikkummenta fuq il-Liġi fit-Toskana qabel l-unifikazzjoni tal-Italja, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda jrid ikun hemm pussess "**attwali**" **u** li tkun l-azzjoni tat-terz li twassal **għat-turbattiva ta' dak l-*istatus quo***: -

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[6]

23. Din il-Qorti għalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti għall-kawża u jekk allura l-pussess reklamat mill-parte ċivile kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt. Skont l-**Arabia**,[7] l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbativa tal-pussess *per se* iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.

---

[5] Hawnhekk il-Qorti tal-Kassazzjoni rriteniet li ma kienx ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi fil-każ fejn il-proprjetarju ta' stabbli biddel is-serratura ta' bieb t'aċċess għal uffiċini u b'hekk għalaq l-aċċess lill-kerrejja tal-istess uffiċini u li kienu ġew inutilment diffidati milli jiżvolġu fil-fondi mikrija rispettivament l-attivita' li għaliha kienu krew u li wara ġew diffidati milli jwetquha.

[6] Enfazi mizjuda – ***Elementi di Diritto Criminale***, Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.

[7] ***I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie***, Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

24. L-Arabia kien qiegħed jikkonċentra fuq il-Liġi Borbonika tal-*vie di fatto* - identika għal dik Maltija *in materia* - u li trid tiġi interpretata wkoll fl-isfond ta' dawk l-elementi li l-Qrati Maltin saħqu fuqhom matul is-snin – u li kif intwera' ibbażaw fuq ir-reat simili ħafna ta' *ragion fattasi* fil-Kodiċi Sabaudo.

25. Jirriżulta ċar, anke mill-ġurisprudenza fuq il-Kodiċi Penali Taljan, li l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' ragion fattasi għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Il-kurrent tradizzjonali jsostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq il-vjolazzjoni tal-monopolju ġurisdizzjonali bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv billi dan, minflok ma jirrikorri obbligatorjament għall-ġurisdizzjoni tal-awtorita tal-Qrati, jaġixxi fattwalment minn jeddu biex jieħu dak id-dritt li jippretendi li għandu mingħajr ma jadixxi lill-Awtorita Ġudizzjarja kompetenti. Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-ragion fattasi huwa l-*istatus quo* tal-pussess tad-drittijiet; l-istatus quo intiż bħala stat ta' fatt li in bażi tiegħu persuna ssib ruħha fil-possibilita' li teżerċita dritt fuq oġġett in kwantu tkun titolari ta' *apparentia iuris*. U fejn allura l-azzjoni turbattiva tas-suġġett attiv tiddisturba dan l-i*status quo* ta' pussess anke bażat fuq *apparentia iuris*.[8]

[8] Ara ***Codice Penale***, Tullio Padovani, Tomo I, IV Edizione, 2007, Giuffre Editore, paġna 2610 taħt il-vuċi "oggetto giuridico".

26. Inoltre, skont il-Carrara *"qui continuat non attentat"*;[9] u dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid l-istess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq ċitata : -

> L'atto esterno deve privare altro *contro sua voglia* di un *bene che gode*. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e *continua* a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque; perche' la legge protegge lo *stato quo,* il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

27. Dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza Taljana aktar reċenti minn fejn jirriżulta li : -

> Si e' conseguentemente precisato che ... autore del delitto puo' essere soltanto chi non si trova nel possesso della cosa, poiche solo in tal caso si puo' verficare quella turbativa nel godimento di fatto che costituisce uno degli elementi essenziali del reato (tra le piu' recenti, Cass. VI 13.11.81, Papa, G PEN 1982, II, 648; Cass. VI 7.5.85, Spallina', CP 1986, 1766; Cass. VI 26.3.85 Pirola, CP1986, 1935). In effetti, sopratutto dalla circostanza che il diritto deve essere <presteso> si ricava come gli elementi sopra indicati descrivano innanzitutto come presupposto del reato l'esistenza di un conflitto di pretese, ovvero il requisito della contenziosita' del diritto.[10]

28. Anke taħt il-Kodiċi Borboniku kien importanti li tkun ravviżata din il-kontroversja jew kontenzjożita ta' drittijiet. Skont l-Arabia, din tirriżulta meta jkun hemm is-segwenti :

> **Ma che s'intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e' chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l'altro avea dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta' di passare pel suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull'esercizio di questa facolta', e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe nell'art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo cio' si spetta all'autorita' pubblica gia' invocata.** Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in

[9] Ara ***Programma***, Vol. 5, pagna 488.
[10] ***Codice Penale***, Tullio Padovani, op. cit. a fol 2611 taħt il-vuċi "soggetto attivo".

controversia la facolta' di Caio, questi incorre nell'art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo' essere ingusto, e quindi una turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo' essere astretto che con la sole azione civile, perche' quando pose il dette cancello, non dove' distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e' presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta' dell' altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all'autorita'. Gli elementi dunque del reato dell'art. 168 sono a) uno de' datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe' costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio' sia fatto per l'esercizio di un dritto messo in controversia e cosi' che sia richiesta l'opera dell'autorita' pubblica a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.

29. Illi din il-ġurisprudenza hija riflessa fil-ġurisprudenza Maltija, li kif intwera tqis l-elementi tar-ragion fattasi bħala li huma s-segwenti:-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;
Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.[11]

30. B'hekk il-fatt li persuna jkollha titolu fuq il-propjeta ma jipprekludihiex milli tkun passibbli għar-reat ta' ragion fattasi fil-każijiet kongruwi. Ir-reat jista' jissusisti wkoll f'każ li l-persuna affetta mill-azzjoni tas-suġġett attiv setgħa kellha biss is-sempliċi pussess jew detenzjoni tal-proprjeta in kwistjoni jew saħansitra

[11] Ara ***Il-Pulizija vs. Anthony Zahra*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn ***Il-Pulizija vs. Mario Bezzina,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs. Michael Lungaro***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u ***Il-Pulizija vs Eileen Said*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.

meta sempliċiment ikollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-propjeta' in kwistjoni u, minħabba l-azzjoni tas-suġġett attiv, hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-użu jew tgawdija tal-istess oġġett. Infatti fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas,***[12] il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:

> L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminalili jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.

31.Ukoll fl-appell ***Il-Pulizija vs. John Vassallo,***[13] il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi :

> Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

32.Skond sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. John Dimech***[14] :

> id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.

---

[12][12] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22 t'Ottubru 2001.

[13] Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22 ta' Marzu 1991.

[14] Deċiża mill-Qorti Kriminali, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

*Ikkunsidrat :-*

33. Illi din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma x-xhieda kemm tal-appellanta kif ukoll tal-parte ċivile. L-appellanta mhix qed tiċħad illi neħħiet il-poġġaman fuq in-naħa tal-kwerelant, b'mod li ssostitwietu bi grada li kienet tappartjeni lilha. Biss hi tgħid illi dan il-poġġaman kien fi stat dilapidat ħafna u kien qed jirrekalha ħafna ħsarat fil-propjeta tagħha peress illi kien kollu msaddad. Tgħid ukoll illi l-kwerelant kellu obbligu kuntrattwali illi jieħu ħsieb imantni l-fond tiegħu li madankollu hu naqas illi jagħmel b'periklu għaliha, u tal-abitanti l-oħrajn fl-istess blokka bini.

34. L-appellanti żżid illi meta kienet kelmet lill-kwerelant bil-ħtieġa li jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fil-fond tiegħu, inkluż fuq dan il-poġġaman, hu saħaq illi dan kien ser jagħmlu ġaladarba ommu tmut. Preżumibilment qal dan fid-dawl tal-fatt li ommu kellha d-dritt ta' użufrutt fuq il-propjeta in kwistjoni, u kwindi l-parte civile ma wera l-ebda intenzjoni jagħmel il-miljoramenti meħtieġa f'dak l-istadju. Biss l-appellanta tikkonferma illi hi ma kinitx ikkomunikat mal-kwerelant qabel bdiet ix-xogħlijiet fil-propjeta' tagħha. Dan saħqitu peress illi skontha ma kinitx taf l-indirizz jew in-numru telefoniku tal-kwerelant.

35. Da parti tiegħu l-kwerelant jisħaq illi l-appellanta ma kinitx infurmatu bl-intenzjonijiet tagħha sabiex tneħħi dan il-poġġaman u li hi qabdet u neħħietu mingħajr il-kunsens jew l-għarfien tiegħu.

Jgħid ukoll illi hu sar jaf b'dan kollu waqt aċċess fuq il-post illi kien qed isir b'rabta ma kawża ta' spoll illi għandhom pendenti bejniethom quddiem il-Qrati Ċivili.[15] Jgħid ukoll illi huwa konxju dwar l-obbligu ta' manutenzjoni fil-propjeta' tiegħu, applikabbli kull tlett snin. Madankollu meta estratt relattiv għal dan l-obbligu nqara quddiem din il-Qorti rriżulta li kien jikkonċerna limitatament it-tibjid tal-propjetajiet, liema xogħol jitħallas *pro rata* bejn l-abitanti tal-blokka in kwistjoni.

36. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, u fid-dawl ukoll ta' dak illi ddeponew il-partijiet, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija tal-appellanta fir-rigward tar-reat ta' ragion fattasi. Il-fond in kwistjoni jirriżulta li ġie f'idejn il-kwerelant mingħand ommu, li kienet għandha tgawdi l-użufrutt fuqu. Hi ma ċċaħdu f'ebda mod mill-użu u mit-tgawdija tal-post. Hu kellu kull dritt illi jqajjem din il-lanjanza, kif fil-fatt għamel, fil-konfront tal-appellanta. Jidher infatti illi hu kien imur aktar regolarment minn ommu fl-imsemmi fond sabiex jara li kollox kien sew. Dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll mill-appellanta meta tat ix-xhieda tagħha.

37. Fit-tieni lok, il-kwistjoni hawnhekk hija jekk ir-rimozzjoni ta' parti mill-poġġaman tal-kwerelant mingħajr ma hu kien mgħarraf u mingħajr ma kien ta l-kunsens meħtieġ għall-istess kienetx tikkostitwixxi r-reat ta' ragion fattasi. Dan il-fatt tar-rimozzjoni ġie kkonfermat mill-appellanta stess li tgħid li ddeċidiet, allegatament

[15] u li ma jikkonċernax dan il-poġġaman jew il-ħsarat illi allegatament qed jiġu kkaġunati mill-istess.

flimkien ma xi abitanti oħra tal-istess blokka - iżda mhux il-kwerelant - illi tagħmel ix-xogħlijiet ta' tisbieħ fil-propjeta' tagħha. Biss fost dawn ix-xogħolijiet kien hemm ir-rimozzjoni ta' parti mill-poġġaman formanti parti mill-propjeta' tal-kwerelant u mhux biss dik il-parti tagħha.

38. Minn dak li din il-Qorti setgħet tikkonstata mix-xiehda prodotta quddiemha, il-ħtieġa li ħasset l-appellanta li tneħħi l-poġġaman tal-kwerelant kienet aktar tikkonċerna l-estetika tal-binja, aktar minn ħaġa oħra. Anzi jidher illi l-kwerelant kellu jirrinforza l-istruttura li għamlet l-appellanta peress illi l-bqija tal-poġġaman ma kienet marbuta ma mkien u b'hekk kienet ta' periklu jekk xi ħadd jistrieħ fuqha.

39. Aktar minn hekk pero, l-appellanta stess ikkonfermat li hi m'għamlet l-ebda tentattiv tikkomunika mal-appellant sabiex titlob li hu jneħħi dan il-poġġaman, allavolja tisħaqq illi qatlu jirranġha, kemm b'mezz ta' ittri legali jew kawża l-Qorti. Biss ġie ċċarat illi l-proċedura għaddejja fil-fora ċivili, tikkonċerna ħsarat oħra u mhux pertinenti għal dan il-poġġaman partikolari. L-appellanta ma rnexxilhiex tipprova, almenu fil-grad tal-probabbli li hija, konsapevoli tal-jedd li kien igawdi Grech fuq il-fond in kwistjoni, għamlet tentattiv serju biex tinfurmah bix-xogħol li kien bi ħsiebha twettaq u l-ħtieġa li jsir dak ix-xogħol partikolari fuq ħwejġu.

40. Ebda persuna ma tista' taqbad u tagħmel xogħol fuq ħwejjeġ ta' persuna oħra jekk mhux bil-kunsens ta' dik il-persuna jew in ottemperanza ma ordni t'awtorita ġudizzjarja. Aktar u aktar jekk l-

azzjoni li tkun ser tiġi intrapriża tkun dik ta' ċaqlieq jew rimozzjoni t'oġġetti ta' dik il-persuna minn fuq proprjeta li jkollha jedd għaliha. U f'każ bħal dan huwa leġittimu li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tqis li fin-nuqqas ta' għarfien tal-persuna interessata dwar dawn ix-xogħolijiet, ikun hemm preżunzjoni ta' dissens almenu impliċitu għal dawn ix-xogħolijiet mingħajr l-għarfien tiegħu, aktar milli preżunzjoni a favur tal-istess xogħolijiet eżegwiti mingħajr l-għarfien tiegħu.

41. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma illi l-elementi ta' ragion fattasi jirriżultaw ppruvati f'dan il-każ – u dan fil-biċċa l-kbira minn dak li xehdet l-appellanta stess. Dan peress li l-appellanti għamlet att estern tar-rimozzjoni tal-puġġaman appartenti lill-kwerelant, liema fatt seħħ mingħajr il-konsapevolezza tal-istess kwerelant u għalhekk jekk mhux bid-dissens espliċitu, żgur b'dak impliċitu tiegħu. Fil-fatt meta Grech sar jaf b'dak li għamlet l-appellanta, huwa pprotesta u kkwerelaha; u mhux akkonsentixxa għax-xogħol li għamlet, jew wera' xi indifferenza għal dak li għamlet. Xejn minn dan. Tant hu hekk li l-azzjoni tal-appellanta spiċċat il-meritu ta' dan l-appell.

42. L-appellanta emnet li hija kellha dritt li tagħmel din ir-rimozzjoni għax skontha in-nuqqas t'azzjoni ta' Grech kienet qegħda tkerraħ il-faċċata tal-proprjeta. Biss biex hija setgħet tagħmel dan bis-sewwa, hija kienet teħtieġ il-kunsens tal-kwerelanti jew li ġġib l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita Ġudizzjarja. F'dan il-każ la kellha wieħed u l-anqas l-ieħor.

43. Dil-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li ssib ħtija fl-imputata appellanta fir-rigward tar-reat ta' ragion fattasi.

***Ikkunsidrat: -***

44. Illi l-appellanta ssostni li l-piena inflitta kienet waħda eċċessiva konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ u l-ispirtu li biħ aġixxiet l-appellanta. Kwantu għal piena tal-multa inflitta, fl-ammont ta' mitejn euro, din il-Qorti tqis li m'għandhiex tiddisturbaha peress illi din tinstab kemm fil-parametri legali u mhix waħda eċċessiva.

45. Jifdal il-kwistjoni relattiva għall-ordni ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati ordnat kemm ir-ripristinu taċ-ċint jew poġġaman oriġinali li kien tneħħa,[16] kif ukoll it-tneħħija tal-grada magħmula in sostituzzjoni tal-poġġaman in kwistjoni. Kemm fid-dawl tal-verbal magħmul bejn il-partijiet kif ukoll minn dak li rriżulta waqt il-provi, din il-parti tas-sentenza għandha tiġi riformata fis-sens illi l-appellanta għandha tkun obbligata illi tqiegħed il-poġġaman tal-kwerelant, u dan in sikurezza, a spejjez tagħha fi żmien stabbilit minn din il-Qorti versu penali fin-nuqqas li dan it-terminu jiġi osservat; iżda mill-banda l-oħra l-ordni tar-rimozzjoni tal-grada li saret minnha fi ħwejjiġha għandha tiġi revokata.

[16] u li skond l-appellanta tinstab fil-pussess tagħha, allavolja ma tafx eżattament fejn din tinstab.

# *Deċide*

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell ta' Claudette VELLA *in parte*, u dan billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lil Claudette VELLA ħatja tar-reat ta' ragion fattasi, kif ukoll fejn imponitilha multa ta' mitejn Euro (€200), filkontemp tvarja l-ordni mogħti ai termini tal-artikolu 377(2) tal-Kodiċi Kriminali billi filwaqt li tħassar dik il-parti tal-ordni fejn l-appellanta ġiet marbuta tneħħi l-grada magħmula minnha kif murija f'ritratt dokument PG4, tikkonferma l-parti l-oħra tal-istess ordni fis-sens li Claudette VELLA tkun obbligata illi tirripristina s-sigurta tal-poġġaman tal-kwerelanti Grech a spejjez tagħha fi żmien xahar mill-lum taħt penali ta' għoxrin (€20) kuljum għal kull ġurnata ta' ritard.

Din is-sentenza qegħda tingħata mingħajr preġudizzju għall-pendenzi ċivili oħra illi hemm bejn il-partijiet.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***